

- (4) L-inventarju fl-Artikolu 19(4)(b) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH, tal-użi tal-injam trattat b'soluzzjoni RKA għandha tiġi interpretata fis-sens li telenka kull użu possibbli?
- (5) L-użu inkwistjoni tal-injam, bħala injam li jservi għall-appoġġ, jista' jiġi pparagunat mal-użi koperti fl-inventarju msemmi fir-raba' domanda, b'tali mod li dan l-użu jista' jiġi awtorizzat abbażi tal-Artikolu 19(4)(b) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH, jekk ir-reqwiziti l-oħrajn meħtieġa jkunu sodissfati?
- (6) Liema huma l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġi eżaminat ir-riskju ta' kuntatti ripetuti mal-ġilda kif imsemmi fl-Artikolu 19(4)(d) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH?
- (7) L-użu tal-kelma "riskju", kif iċċitata fis-sitt domanda, ifisser li kuntatt ripetut mal-ġilda huwa teoretikament possibbli jew li tali kuntatt huwa probabbli, għall-inqas sa ċertu punt?

(¹) Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, p. 3).

(²) Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Elegktiko Synedrio (il-Greċja) fis-7 ta' Lulju 2011 — Kummissarju ta' Elegktiko Synedrio fi ħdan il-Ministeru tal-Kultura u tat-Turiżmu vs Servizz ta' sħarriġ tal-kontabbiltà tal-Ministeru tal-Kultura u tat-Turiżmu u Konstantinos Antonopoulos

(Kawża C-363/11)

(2011/C 269/77)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Elegktiko Synedrio (il-Greċja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Il-Kummissarju ta' Elegktiko Synedrio fi ħdan il-Ministeru tal-Kultura u tat-Turiżmu

Konvenuti: Is-Servizz ta' sħarriġ tal-kontabbiltà tal-Ministeru tal-Kultura u tat-Turiżmu u Konstantinos Antonopoulos

Domandi preliminari

- (1) Il-ħlas jew in-nuqqas ta' ħlas lil ħaddiem għal perijodu fejn huwa jkun nieqes mix-xogħol tiegħu minħabba leave sindakali jikkostitwixxi kundizzjoni tax-xogħol jew kundizzjoni tal-impjegat fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni? B'mod iktar speċifiku, id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet li jipprovdu għall-għoti ta' leave sindakali mhux remunerat lill-ħaddiema impjegati mill-Istat fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjegat għal żmien determinat, li ma jikkupawx pożizzjoni fissa u għandhom il-kwalità ta' membri tal-amministrazzjoni ta' organizzazzjoni sindakali, jintroduċu "kondizzjonijiet tax-xogħol" fis-sens tal-Artikolu 137(1)(b) KE u "kondizzjonijiet ta' l-impjegat" skont il-Klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas jew inkella din il-kwistjoni tikkonċerna oqsma li huma esklużi mid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri ir-remunerazzjonijiet u d-dritt ta' assoċjazzjoni?
- (2) Fil-każ li r-risposta għal ewwel domanda tkun fl-affermattiv, ħaddiem impjegat fis-servizz pubbliku fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjegat għal żmien indeterminat irregolata mid-dritt privat, li jikkupa pożizzjoni fissa u li jaqdi l-istess funzjonijiet bħal ħaddiem li għandu relazzjoni ta' impjegat għal żmien determinat irregolata mid-dritt privat li ma għandux impjegat organiku, jista' jikkostitwixxi ħaddiem "kumparabbli" għal dan tal-aħħar, fis-sens tal-Klawżola 3(2) u 4(1) tal-Ftehim Qafas, jew inkella l-fatt li l-Konstituzzjoni nazzjonali (Artikolu 103) u l-liġijiet li jiżguraw l-eżekuzzjoni tagħha jiprovdu li dan għandu status speċifiku (kundizzjonijiet ta' reklutaġġ u ġaranziji iktar speċifiċi previsti fl-Artikolu 103(3) tal-Konstituzzjoni) huwa biżżejjed sabiex dan ma jkunx "kumparabbli" ma ħaddiem li għandu relazzjoni ta' impjegat għal żmien determinat irregolata mid-dritt privat li ma jkkupax pożizzjoni fissa?
- (3) Fil-każ li r-risposta għaż-żewġ domandi preċedenti tkun fl-affermattiv: a) fil-każ li mill-qari flimkien tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali jirriżulta li l-ħaddiema impjegati f'servizz pubbliku fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjegat għal żmien indeterminat li jkkupaw pożizzjoni fissa u huma membri tal-amministrazzjoni ta' organizzazzjoni sindakali tat-tieni livell jibbenefikaw minn leave sindakali remunerat (li jammonta sa massimu ta' disgħat ijiem fix-xahar), filwaqt li l-ħaddiema impjegati fl-istess servizz fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjegat għal żmien determinat li ma għandhomx impjegat organiku u li għandhom l-istess kwalità sindakali jibbenefikaw minn leave sindakali tal-istess tul mhux remunerat, din id-distinzjoni tikkostitwixxi trattament inqas favorevoli ta' din it-tieni kategorija ta' ħaddiema, fis-sens tal-Klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas, u b) iż-żmien limitat tar-relazzjoni ta' impjegat tat-tieni kategorija ta' ħaddiema u d-differenzi li jirriżultaw, b'mod ġenerali, mill-istatus ta' din id-kategorija (kundizzjonijiet ta' reklutaġġ, żvilupp u tmiem tar-relazzjoni ta' impjegat) jikkostitwixxu raġunijiet oġġettivi li jistgħu jiġġustifikaw din id-distinzjoni?
- (4) Id-distinzjoni inkwistjoni mwettqa bejn il-membri tal-amministrazzjoni sindakali impjegati għal żmien indeterminat f'servizz pubbliku fejn jikkupaw pożizzjoni fissa u l-persuni li, filwaqt li għandhom l-istess kwalità sindakali bħal dawn tal-aħħar, huma impjegati għal żmien determinat fl-istess servizz u ma għandhomx impjegat organiku, tikkostitwixxi

ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet sindakali, fid-dawl tal-Artikoli 12, 20, 21 u 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jew inkella din id-distinzjoni tista' tiġi ġġustifikata permezz tad-differenzi li jeżistu bejn l-istatus taż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoulio tis Epikrateias fit-13 ta' Lulju 2011 — Panellinos Syndesmos Viomichanion Metapoiisis Kapnou vs Ypourgos Oikonomias kai Oikonomikon u Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon

(Kawża C-373/11)

(2011/C 269/78)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Symvoulio tis Epikrateias.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Panellinos Syndesmos Viomichanion Metapoiisis Kapnou.

Konvenuti: Ypourgos Oikonomias kai Oikonomikon u Ypourgos Agrotikis Anaptyxis kai Trofimon.

Domanda preliminari

L-Artikolu 69 tar-Regolament Nru 1782/2003, li permezz tiegħu l-Istati Membri huma awtorizzati jistabbilixxu — fil-limitu ta' 10 % tal-komponent tal-"limitu nazzjonali" previst fl-Artikolu 41 u b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 69(3) — rati ta' konservazzjoni differenti għall-għoti ta' għajnuna supplementari lill-produtturi, huwa kompatibbli, sa fejn jawtorizza din id-distinzjoni tar-rata ta' konservazzjoni, mal-Artikoli 2 KE, 32 KE u 34 KE, kif ukoll mal-għanijiet ta' garanzija ta' dħul stabbli għall-produtturi u ta' konservazzjoni taż-żoni rurali?

Appell ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2011 minn Longevity Health Products, Inc. kontra d-digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-15 ta' April 2011 fil-Kawża T-95/11 — Longevity Health Products vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

(Kawża C-378/11 P)

(2011/C 269/79)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Longevity Health Products, Inc. (rappreżentant: J. Korab, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tilqa' l-ilment li sar mill-kumpannija Longevity Health Products, Inc

— tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' April 2001, T-95/11;

— tordna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) sabiex iħallas l-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li d-digriet appellat għandu jiġi annullat fid-dawl tal-aggravji li ġejjin:

— il-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija difettuża;

— il-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx l-argumenti mressqa mill-proprietarju tat-trade mark.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2011 — (talba għal deċiżjoni preliminari taċ-Centrale Raad van Beroep — il-Pajjiżi l-Baxxi) — G.A.P. Peeters — van Maasdijk vs Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekering

(Kawża C-455/10) ⁽¹⁾

(2011/C 269/80)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 328, 04.12.2010.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonja

(Kawża C-16/11) ⁽¹⁾

(2011/C 269/81)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 63, 26.02.2011